SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 32/K9/21**

Data tal-laqgħa: 15 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Rita Dimech Portelli (Inc. 21590/21);

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

32.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tiġi skużata.

**32.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

32.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 31/K9/21 għall-approvazzjoni.

32.2.02 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li ssir korrezzjoni ta' 31.2.02 fejn flok l-kelma ġodda tiġi ġonna. Fir-rigward 31.4.03 talab wkoll li ssir korrezzjoni minflok Dun Anton Debono issir Dun Anton Sciberras.

32.2.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 31/K9/21.

32.2.04 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondaħ.

32.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

32.2.06 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt dwar 31.2.08 rigward il-monument ta' Ġużi Tanti, is-segretarju nforma lill-Kunsillier li għadna qed nistennew l-compliance certificate minħabba li għad qed jistennew il-go ahead min-naħa tal-Lands Authority. Għamel referenza għall-31.2.01 dwar Triq Hans Stumme, fejn kellna niġbdu l-attenzjoni ta' Infrastructure Malta dwar il-ħitan. Is-Segretarju informaħ li l-ħitan m'humiex part mix-xogħol li jrid jagħmel il-kuntrattur ta' Infrastructure Malta għax dawn iridu jsiru min-naħa tal-Housing Authority. Huwa għamel referenza wkoll 31.4.03 dwar jekk konniex bagħatna email dwar l-one-way fi Triq San Mikiel. Huwa ġie nfurmat li din għadna ma ntbagħatitx. Qajjem il-punt dwar is-slielem huwa ġie nfurmat li dawn twaħħlu.

32.2.07 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar skema min-naħa tar-Reġjun Ċentru, huwa ġie nfurmat li dawn il-fondi ser ikunu qed jintużaw sabiex tinżebagħ il-Knisja ta' Lapsi.

32.2.08 Iċ-Ċermen informa dwar 31.6.01 dwar il-minivan huwa informa lill-Kunsill li dan beda llum.

**32.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

32.3.01 Fir-rigward l-istatwa ta' Qalb ta' Ġesu u il-Monument ta' Ġużi Tanti, għadna qed nistennew min-naħa tal-Lands Department.

32.3.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-problema ta' l-iskart speċjalement ġewwa Paceville. Huwa ppropona li fiż-żmien tas-sajf nerġu niġbru l-borża s-sewda extra nhar ta' Erbgħa. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament.

32.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kellna invit mas-Segretarju Parlamenari l-Onor. Clifton Grima, huwa talabna fejn jistgħu jagħtuna l-għajnuna. Iċ-Ċermen talab l-għajnuna biex jgħina biex jsir refurbishment fil-playing field ta' Ta' Ġiorni u ta' Triq Birkirkara. Is-Segretarju ġabar kwotazzjonijiet sabiex jinbidel l-equipment kollhu u jiżdiedu 3 biċċiet gym equipment f'kull ġnien. Il-Kunsill qabel.

32.3.04 Fir-rigward tal-proġett tad-daħla ta' l-iskola fi Triq Lapsi irċivejna l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni mal-Planning Authority.

32.3.05 Fir-rigward il-fondi tal-iżvillupp għall-proġett ta' Taraġ Scicluna, ġie approvat il-kuntratt u dan ser jiġi ffirmat fit-3 ta' Awwissu 2021.

32.3.06 Il-Permess mill-Planning Authority fir-rigward il-Ġnien ta' San Mikiel, dan ħareġ.

32.6.07 Fir-rigward l-Open Gym ix-xogħolijiet mexjin u anke fir-rigward il-ħajt li hemm fi Triq il-Kbira.

32.6.08 Fit-talba tagħna għall-fondi mill-LESA għall-proġett ta' Ġnien Saver Zarb, ma ġietx milqugħa min-naħa tal-LESA pero ġejna nfurmati li dalwaqt ser tkun qed toħroġ sejħa oħra u l-istess applikazzjoni ser tkun ikkonsidrata għal dawn il-fondi.

32.6.09 Iċ-Ċermen ippropona li f'Settembru nagħmlu Premjazzjoni għal-Ġieħ San Ġiljan, għalhekk huwa appella lill-kunsilliera sabiex sa' laqgħa oħra jġibu l-ismijiet sabiex nipproponuho għal din l-onorofiċenza.

32.6.10 Iċ-Ċermen qara statement dwar il-Proġett tad-DB fejn kien hemm l-ITS u xi kummenti li kien hemm fuq is-social media. F'dan l-istatement is-Sindku ikkjarifika ċertu kummenti li saru fuq il-media. Saret diskussjoni, u wara ġie deċiż li nieħdu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill jekk nistgħux nappellaw minħabba l-Planning Fund sabiex il-Kunsill ta' San Ġiljan jieħu parti minn dan il-fond għaliex waqt il-votazzjoni fil-Planning Authority, kien deċiż li dan il-fond jingħata kollu lill-Kunsill ta' Pembroke u li l-Kunsill ser jipparteċipa flimkien ma' NGO's u Kunsilli oħra biex jiġi sottomess appell dwar l-approvazzjoni mill-Planning Authority għall-permess. (Ara appendiċi 'A')

32.6.12 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri waslet fis-6.20p.m.

**32.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

32.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**32.5 Audit Adjustment**

32.5.01 Is-Segretarju nforma li l-audit adjustments għadhom ma sarux ghaldaqstant ma setawx jiġu ppreżentati.

**32.6 Talbiet żgħar;**

**32.6.01 Email dwar Hypotetical Project of Parking Sensor (Inc. 20612/21);**

32.6.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu.

**32.6.02 Email dwar Ċirk AKL 2021/042 – Reverse Vending Machines – Reazzjonijiet u Proposti mill-Kunsilli Reġjonali / Lokali (Inc. 20745/21);**

32.6.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawn jiġu nstallati.

**32.6.03 Email dwar suggestion for improved traffic management system in B'Kara Hill (Inc. 20800/21);**

32.6.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser niltaqgħu mal-Perit u T-Transport Malta.

**32.6.04 Email mingħand l-ERA dwar Regolamenti dwar l-Iskart (Inc. 20855/21);**

32.6.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma ssirx.

**32.6.05 Email dwar The European Destinations of Excellence (EDEN) competition is now OPEN (Inc. 20888/21);**

32.6.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma nipparteċipawx għaliha.

**32.7.06 Email dwar Il-Wesgħa tal-Bjar ta' Napuljun (Inc. 20946/21);**

32.7.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqgħu mas-Sur Charles Xuereb.

**32.7.07 Email dwar public convenience attended (Inc. 21140/21);**

32.7.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx.

**32.7.08 Email dwar summer break time – no demolition and excavation work within tourism designated areas (Inc. 21180/21);**

32.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser nagħmlu San Ġiljan kollu.

**32.7.09 Email dwar E-kickscooter company (Inc. 21274/21 & 21564/21);**

32.7.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel.

**32.7.10 Email dwar Ċirk AKL 2021/047 Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet (Inc. 21292/21);**

32.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill qabel li nipparteċipaw fil-proġett tal-AKL, u li fil-laqgħa li jmiss is-Segretarju ser ikun qiegħed jippreżenta abbozz ta' bye-law biex jirregola l-ghalf tal-ħamiem.

**32.7.11 Email dwar Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjali tal-Komunita' 'Steward' Għat trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex (Inc. 21314/21 & 21323/21);**

32.7.11.01 Is-Segretarju talab li sa' l-laqgħa li jmiss jiġu nnominati persuni għal din il-kariga.

**32.7.12 Email dwar PA 3807/17 – Proposed City Centre multi-use development including excavation of former ITS site (Inc. 21358/21);**

32.7.12.01 Din ġiet diskussa iktar kmieni fl-aġenda.

**32.7.13 Email dwar memorandum ta' ftehim dwar il-ħaxix selvaġġ (Inc. 21359/21);**

32.7.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed jiffirma l-MOU.

**32.7.14 Email dwar Ċirk AKL 2021/048 Kunsill Nazzjonali taż-żagħżagħ (Inc. 21372/21);**

32.7.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ntellawa fuq facebook.

**32.7.15 Email mingħand il-Kunsillier Martin Sultana dwar Bust Dun Anton (Inc. 21475/21);**

**32.7.15.01** Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-ewwel nkelmu lill-Kappillan u wara niltaqgħu ma' dan il-persuna.

**32.7.16 Email dwar Mind Sports Courses (Inc. 21482/21);**

**32.7.16.01** Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill mhux interessat li japplika.

**32.7.17 Email mit-Transport Malta dwar Local Councils official notice of generic email account (Inc. 21326/21);**

32.7.17.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din is-sitwazzjoni.

**32.7.18 Email dwar Danger in Main Street, St. Julians (Inc. 21495/21);**

32.7.18.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser inkunu qed nġibu kwotazzjoni għall-scaffolding.

**32.7.19 Email minghand Lesi Arpad dwar Kuunszentmiklos (Inc. 21545/21);**

32.7.19.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawn interesati jibgħatu messaġġ lis-Segretarju.

**32.7.20** Is-Segretarju informa lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, wieħed tal-RSSL u l-iħor bħala community worker, dan ta' l-ewwel ma ġiex iktar għax-xogħol u wara li ċċekjajna mal-uffiċjali tal-RSSL ġejna nfurmati li kellu open certificate ta' mard kif ukoll li kien qiegħed jipprova jagħmel early retirement pero' lill-Kunsill qatt ma nfurmah uffiċjalment jew urieħ xi ċertifikati, din is-sitwazzjoni ilha hekk għal dan l-aħħar ħamsin ġurnata. Filwaqt li tat-tieni, li huwa impjegat tal-Community

Service, dan ma ġiex iktar għax-xogħol minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jirritorna għax-xogħol. Din is-sitwazzjoni ilha hekk għal madwar erba xhur. Għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jirrilaxxa dawn iż-żewġ ħaddiema u jagħmel applikazzjoni mad-Dipartiment biex jiġi nnagaġġat ħaddiem fuq bażi full time bħala maintenance. Kien hemm qbil unanimu.

**32.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

32.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5393 sa 5410. (Ara Appendiċi 'B')

32.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**32.9 Skeda tal-Pagamenti**

32.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

32.9.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

32.9.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**32.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

32.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2021

32.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 13 ta' Lulju 2021